IL-BIRGU
*Citta' Vittoriosa*

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 28

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fis-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (5:45pm) nhar **it-Tlieta 12 ta' Jannar 2021**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa. Is-Sindku kien preżenti online filwaqt li l-kunsilliera kienu fl-uffiċċju tal-kunsill.

**28.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

28.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija.

**28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

28.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 27 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, approvawhom unanimament.

**28.3 Korrispondenza**

28.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Perit Amanda De Giovanni mid-Dipartiment tar-Restawr flimkien ma' abbozz ta' kuntratt li fih hemm imniżżel li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jidħol responsabbli mis-sistema l-ġdida kollha tad-dawl u jingħata s-somma ta' erbatax-il elf Ewro(€14,000) għas-sena 2021 u l-istess ammont għas-sena 2022 sabiex isir ir-restawr u l-manutenzjoni meħtieġa fuq id-dwal tas-swar, it-toroq tal-Collachio u dawl tal-knejjes fil-Birgu. Is-Sindku qal li se jkun qed jitlob għoxrin elf fis-sena (€20,000) u qabel jingħataw il-fondi, iridu jiġu rranġati l-ħsarat kollha preżenti. Il-kunsillier Jason Portelli kellu jagħmel kuntatt mal-kumpanija RVC sabiex il-kunsill ikollu kopja tal-pjanta tas-sistema l-ġdida tad-dawl. Il-kunsillier Anton Gellel propona li, la darba il-kunsill jingħata dawn il-fondi, iqabbad lill-kumpanija tal-RVC sabiex tieħu ħsieb tirranġa l-ħsarat li jkun hemm. Is-Sindku ma qabilx u qal li jkun jaqbel li l-kunsill iqabbad persuni aktar affidabbli wara li x-xogħol li sar mill-imsemmija kumpanija, ma sarx kif mixtieq. Is-Sindku qal li se jsejjaħ laqgħa mad-Dipartiment tar-Restawr biex jiġu diskussi dawn il-problemi. Il-kunsilliera qablu unanimament.

28.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Cheryl Falzon, CEO tal-Malta Libraries sabiex titlob lill-kunsill jikri waħda mill-kmamar li hemm Couvre Porte biswit il-librerija sabiex jintuża bħala uffiċċju. Is-Sindku qal li l-imsemmija kamra ġieli tintuża sabiex jingħataw il-korsijiet tal-kompjuter u ħwejjeġ oħra u għaldaqstant din mhux possibli li tinkera.

28.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Lisa Darmanin Demajo għan-nom ta' LovinMalta b'offerta għal feature, intervisti u aktar dwar il-Birgu għall-prezz ta' elfejn Ewro u mija (€2100). Is-Sindku u l-kunsilliera ma qablux unanimament fuq din l-offerta.

28.3.4 Preżentata ċirkulari numru *SPI/SCI/1/2021 dwar Skema ta' Restawr ta' postijiet/Monumenti Storċi f'Malta 2020/2021*. Is-segretarju informa lill-kunsilliera li meta evalwa din l-applikazzjoni sab li l-Birgu ma jistax japplika għaliex klawżola minnhom tgħid li l-lokalità tagħna tibbenefika minn restawr kontinwu mid-Dipartiment tar-Restawr.

28.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Rebecca Zammit mill-MEUSAC sabiex tinforma lill-kunsill li l-applikazzjoni għall-proġett ta' Ġemellaġġ tal-Birgu mal-Kunsill Lokali ta' Parisot fi Franza, ġiet aċċetata mill-Unjoni Ewropea. Il-proġett tal-kunsill ġie klassifikat fit-32 post minn 106 proġett. Is-Sinjura Zammit kitbet ukoll li l-kunsill jista' japplika għal aktar fondi mill-Gvern minn skema relatata ma' proġetti tal-UE. Il-Viċi-Sindku Chris Cassar qal li għandu jinħoloq pakkett komplut għal prezz raġonevoli għal dawk ir-residenti li jixtiequ jattendu għal dan il-proġett li għalih jistgħu jattendu ħamsa u għoxrin (25) persuna bil-kunsilliera inklużi. B'hekk, il-persuni li jattendu għal dan il-proġett ikunu huma li resqu lejn il-kunsill u mhux il-kunsill imur fuq individwi. B'hekk ħadd ma jista' jgħid li kien eskluż mil-lista. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, qablu ma' din il-proposta. Is-Sindku talab lill-kunsillier Trevor Mizzi sabiex ifittex l-aħjar prezzijiet għat-titjiriet.

28.3.6 Preżentati żewġ inviti li kienu waslu l-kunsill lejn l-aħħar ta' Diċembru u li bihom il-kunsilliera kienu diġà infurmati. L-inviti kienu għall-Pontifikal u l-Akkademja Mużikali li saru fil-Knisja tal-Lunzjata fil-Birgu għall-ftuħ tat-800 sena ċentinarju mill-mewt ta' San Duminku, nhar il-Ħadd 10 ta' Diċembru 2021.

28.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Gordon Pace dwar talba biex il-Calypso Radio jitrażmetti mill-Kunsill Lokali tal-Birgu f'ġurnata sħiħa li jagħżel il-kunsill għall-prezz ta' ħames mitt Ewro (€500) li matulha l-kunsill ikollu ċans għal diversi interventi. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera ma qablux ma' din il-proposta.

28.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Onor. Glenn Bedingfield dwar il-ħsieb li jsir ktieb ta' ritratti tal-passat u preżent fuq il-Birgu. L-Onor. Bedingfield talab lis-Sindku sabiex iġib stima biex tinħareġ din il-pubblikazzjoni. B'hekk l-ispiża ta' dan il-ktieb ma titħallasx mill-fondi tal-kunsill.

28.3.9 Preżentata ċirkulari numru *SPI/SCI/9/2020 Insaħħu il-ħidma ta' twettiq tal-funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali u dawk Lokali*. Is-segretarju qal li din mhix applikabbli għall-kunsilli lokali iżda għar-Reġjuni biss.

28.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku ta' Ville de Saint-Tropez b'awguri għall-Milied u s-Sena t-tajba. Is-Sindku preżenta ittra li hu kiteb lura sabiex il-ħidma u r-relazzjoni tajba bejn iż-żewġ postijiet tibqa' tinżamm.

**28.4 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-Aġent Segretarju u Staff Klerikali**

28.4.1 Is-Sindku preżenta l-Performance Appraisal Report tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv u tal-iStaff Klerikali għas-sena 2020, għall-approvazzjoni tal-kunsill. Il-kunsilliera kollha approvawhom unanimament.

**28.5 Sitwazzjoni tal-Bring-in Sites fil-lokalità**

28.5.1 Is-Sindku John Boxall qal li hawn residenti li mhux jikkoperaw u qed iħallu l-ħmieġ ħdejn il-bring-in sites apparti li dawn waslu biex jinbidlu għax hemm minnhom li tkissru, kriehu jew huma żgħar wisq. Għaldaqstant is-Sindku propona li jitneħħew kollha u jibqgħu biss dawk tal-Fortini. Il-kunsilliera qablu unanimament li dawn jitneħħew.

28.5.2 Il-kunsilliera qablu wkoll li għandha ssir ġabra oħra tal-borża l-griża matul il-ġimgħa li tkun nhar ta' Ġimgħa la darba se jitneħħew il-Bring-in Sites. Is-Sindku kellu jitkellem mal-kuntrattur li jiġbor l-iskart sabiex jikkomunika miegħu fuq din is-sitwazzjoni.

**28.6 Proġett fiż-Żona ta' Fuq tal-Ħawli**

28.6.1 Is-Sindku qal li ġab stima ta' lampi LEDs sabiex il-lampi tad-dawl esistenti tat-toroq f'Fuq tal-Ħawli u tal-madwar jinbidlu kollha. Il-kunsilliera qablu unanimament li la darba jkollna l-istimi kollha, inmexxu bil-proġett. Il-kunsillier Trevor Mizzi kellu jiċċekja x'kien fadal mill-UIF Funds sabiex dan il-proġett ikun sussidjat minn dawn il-fondi.

**28.7 Xogħlijiet fil-Berġa ta' Franza**

28.7.1 Is-Sindku qal li x-xogħol fil-Berġa ta' Franza għaddej sew u bħalissa qed jitlesta x-xogħol fuq it-taraġ. Spjega wkoll li se jġib stimi differenti għall-installazjoni tad-dawl għat-taraġ u għad-daħla ta' qabel is-swali ta' fuq. Ix-xogħol qed isir mill-ħaddiema tal-kunsill u mid-detenut li qed jinġieb kuljum mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin li huwa mgħallem fis-sengħa tal-ġebla.

**28.8 Installazzjoni tal-panelli fuq il-Berġa ta' Franza, Ingilterra u Couvre Porte**

28.7.1 Is-Sindku qal li l-permess issa ddaħħal u qed nistennew li jiġi approvat. Spjega wkoll li qabel jitpoġġew il-panelli, irid jinbidel il-membrane għaliex partijiet minnu spiċċaw bil-konsegwenza li qed jidħol xi ilma tax-xita. Il-kunsilliera qablu unanimament li dan ix-xogħol isir għax hu meħtieġ u għalhekk għandhom jinġiebu stimi tax-xogħol.

**28.9 Applikazzjoni għall-Belt jew Raħal tal-Kultura għas-sena 2022**

28.9.1 Preżentata ċirkulari numru SPI/SCI/8/2020 *Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew Raħala Kulturali tas-sena 2022.* Is-Sindku qal li fuq din il-materja diġà ltaqa' mal-kuraturi tal-Palazz tal-Inkwiżitur, tal-Mużew Marittimu u tal-Forti ta' Sant Anġlu u lesti li jgħinu f'kulma hu meħtieġ. Is-Sindku spjega li tkellem ukoll mas-Sur Noel Castillo, organizzatur tal-attivitajiet sabiex jgħin fit-tħejjija ta' pjan ħafif ta' diversi attivitajiet skont kif titlob l-applikazzjoni. Is-Sindku qal li fuq din kulħadd irid jaqdi dmiru u jagħti sehmu jekk eventwalment il-Birgu jintgħażel għal dan it-titlu.

28.9.2 Il-Viċi-Sindku Chris Cassar qal li jista' jħejji pjan għal diversi attivitajiet biex jiġu diskussi fil-kunsill. La darba jitħejja pjan ta' attivitajiet, timtela l-applikazzjoni u tintbagħat lid-Dipartiment.

**28.10 Applikazzjoni għall-Belt Ewropea tal-Kultura 2031**

28.10.1 Is-Sindku qal li wara li tkellem mal-Onor. Glenn Bedingfield, huwa nfurmah li bħala Kottonera din l-applikazzjoni ma tistax tiġi sottomessa. Għaldaqstant, is-Sindku qal li l-ħsieb ikun jekk il-Birgu japplika għal dan it-titlu u l-belt ta' Bormla u l-Isla flimkien mal-Kalkara, ikunu msieħba fl-attività biex b'hekk tkun rappreżentata l-Kottonera. Is-Sindku qal li jekk il-kunsilliera jaqblu, tintbagħat risposta lis-Sur Paul Farrugia. President tar-Reġjun Xlokk, sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jinfurmah li huwa interessat li japplika għall-Belt Ewropea tal-Kultura 2031. Il-kunsilliera qablu uninimament.

**28.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

28.11.1 Is-Sindku ressaq ilment mis-Sinjura Elizabeth Cilia fejn ankè permezz ta' ritratti, qalet li pjanta f'tarf Triq il-Kardinal inqalbet bir-riħ u barxet parti mill-karozza tagħha li kienet ipparkjata viċin. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li jitkellmu mal-kumpanija tal-polza tal-assigurazzjoni sabiex jagħmlu tajjeb għad-danni għan-nom tal-kunsill.

28.11.2 Is-Sindku qal li ordna tlett (3) platti taċ-ċeramika bl-arma tal-Birgu fin-nofs impittra bl-idejn sabiex dawn jingħataw bħala rigal lil diversi dinjitari li jiġu l-Birgu u ankè biex jiġi preżentat wieħed lill-kunsill ta' Parisot fil-ġemelleġġ. Il-kunsillier Jason Portelli ssuġġerixxa li jiġu ordnati aktar u jingħata wieħed kull wieħed lill-kunsilliera għas-servizz tagħhom fil-kunsill, kemm dawk preżenti kif ukoll dawk tal-futur. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, qablu unanimament.

28.10.3 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-overtime tal-ħaddiema klerikali għax-xahar ta' Novembru 2020. Dawn kienu approvati unanimament.

28.10.4 Is-Sindku qal li l-ebda offerta għat-tender tal-knis tat-toroq ma kienet kumbatibbli mal-ħtiġijiet tal-kunsill. Għaldaqstant l-offerti waqgħu u ħadd ma ntagħżel. Is-Sindku qal li aktarx, aktar 'il quddiem se jingħataw aktar ħaddiema mal-kunsilli taħt l-iskema tal-Community Workers Scheme u għalhekk dawn ikunu jistgħu jintużaw bħala kenniesa u jiġu frankati l-flus tal-kuntrattur tal-knis. Is-Sindku qal li jew nerġgħu noħorġu t-tender jew inkella nistennew li ningħataw aktar nies. Il-kunsilliera qablu li għandna nistennew sakemm jiġu provduti aktar ħaddiema.

**28.11 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 20** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 5810** sa **BOV 5845** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda preżentata.

**28.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8.00pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tlieta 2 ta` Frar 2021 fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm).

Konfermati llum: **2 ta' Frar 2021.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |